# FIL-PRIM AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

## ONOR. IMĦALLEF
## IAN SPITERI BAILEY LL.M. LL.D.

**Illum it-Tnejn, 30 ta' Settembru, 2024**

**Kawża Nru. 3**

**Rik. Nru. 769/2023 ISB**

**Av. Antoine Camilleri (numru tal-karta tal-identita' 495276 (M)) bħala prokuratur speċjali għan-nom u in rappresentanza tas-soċjeta' estera adidas AG ta' Adi-Dassler Str. 1, Herzogenaurach 91074, Germany**

**vs**

**L-Av. Dr Simon Micallef Stafrace u l-P.L. Marie Claire Bartolo, maħtura bħala kuraturi deputati biex jirrappreżentaw lil Numidia of World Limited, RM 2914 29/F Ho King Commercial Center 2-16 FA Yuen Street Mongkok KL Hong Kong u EURL Contacts Nasim El Jana Import Export, Cite Auto Construction 150 Log TS Berhoum Msila Algeria, nominati b'digriet tas-26 ta' Ottubru 2023**

**Il-Qorti,**

Rat ir-**Rikors Ġuramentat** ta' **Av. Dottor Antoine Camilleri noe** tat-18 ta' Lulju 2023 u li permezz tiegħu, talab lil din il-Qorti sabiex:

1. *Tiddikjara u tiddeciedi illi l-accessorji tal-mowbajl in kwistjoni li jinsabu maqbuda wara l-applikazzjoni bil-miktub li ghamlet is-socjeta' rikorrenti lil Kontrollur tad-Dwana, huma oggetti falsifikati u/jew oggetti mdahhla b'piraterija skont l-Artikolu 2(1)(a) u/jew (b) tal-Kap. 414 tal-Ligijiet ta' Malta u/jew skont l-Artikolu 2(5) u/jew (6) tar-Regolament U.E. 608/2013;*

2. *Tiddikjara u tiddeciedi illi d-dhul gewwa Malta u/jew l-importazzjoni temporanja u/jew tqeghid gewwa zona hielsa jew mahzen hieles ta' din l-msemmija konsenja ta' accessorji tal-mowbajl, liema konsenja tikkonsisti f'hamest elef (5,000) bicca f'Container Numru DRYU4510601, da parti tal-intimati jew min minnhom, u li jinsabu maqbuda wara l-applikazzjoni bil-miktub li ghamlet is-socjeta' rikorrenti lill-Kontrollur tad-Dwana, jikkontravvjenu d-dritt ta' proprjeta' intellettwali tas-socjeta' rikorrenti in kwantu li ma humiex genwini skont l-Artikolu 2(1)(a) u/jew (b) tal-Kap. 414 tal-Ligijiet ta' Malta u ghaldaqstant vjolazzjoni tal-Artikolu 4 tal-istess Kap. 414, u dan fil-konfront tar-registrazzjoniji tal-EU Trade Marks Numru 014591754, Numru 012271961 u Numru 012272035 irregistrati f'isem is-socjeta' rikorrenti u/jew fil-konfront tad-drittijiet tal-awtur illi ghandha s-socjeta' rikorrenti fuq id-disinn taghha "trefoil device" (kif muri fl-imsemmija EU Trade Mark numru 012272035);*

3. *Tiddikjara u tiddeciedi illi d-dhul minghajr rilaxx ghal cirkolazzjoni libera f'Malta, fil-kors ta' kummerc, ta' din l-imsemmija konsenja ta' accessorji tal-mowbajl (inkluz l-imballagg taghhom), liema konsenja tikkonsisti f'hamest elef (5,000) bicca f'Container Numru DRYU4510601, da parti tal-intimati jew min minnhom, u li jinsabu maqbuda wara l-applikazzjoni bil-miktub li ghamlet is-socjeta' rikorrenti lill-Kontrollur tad-Dwana, jikkontravvjenu d-drittijiet esklussivi tas-socjeta' rikorrenti in kwantu li ma humiex genwini u ghaldaqstant bi vjolazzjoni tal-Artikolu 9(1)(2)(3) u (4) tar-Regolament U.E. 2017/1001, u dan fil-konfront tar-registrazzjoni tal-EU Trade Marks Numru 014591754, Numru 012271961 u Numru 012272035 irregistrati f'isem is-socjeta' rikorrenti;*

4. *Tordna lill-Kontrollur tad-Dwana u/jew lis-socjeta' rikorrenti a bazi tal-ewwel talba u/jew tat-tieni talba u/jew tat-tielet talba sabiex jiddistruggu l-accessorji tal-mowbajl in kwistjoni minghajr ebda kumpens lil, u ghas-spejjez tal-intimati jew min minnhom, skont l-Artikolu 8 tal-Kap. 414 tal-Ligijiet ta' Malta u skond il-provvedimenti tar-Regolament U.E. 608/2013;*

5. *Tordna kull rimedju iehor li tista' skont it-termini tal-Kap 414 tal-Ligijiet ta' Malta, tal-Kap. 597 tal-Ligijiet ta' Malta, tal-Kap. 488 tal-Ligijiet ta' Malta, tar-Regolament U.E. 608/2013 u tar-Regolament U.E. 2017/1001 fil-konfront tas-socjeta' rikorrenti;*

6. *Tordna lill-intimati jew min minnhom sabiex ihallsu l-ispejjez kollha fir-rigward tat-trasport, tal-hazna, tad-distruzzjoni tal-accessorji tal-mowbajl in kwistjoni, u tal-ispejjez tal-ufficjali tad-Dwana skont it-termini tal-Kap. 414 tal-Ligijiet ta' Malta u tar- Regolament U.E. 608/2013;*

*Bl-ispejjez, kontra l-intimati jew min minnhom li minn issa huma ngunti ghas-subizzjoni.*

U dan wara illi jippremetta:

*1. Illi s-socjeta' rikorrenti adidas AG, ta' Adi-Dassler Str. 1, Herzogenaurach 91074, Germany hija proprjetarja ta' diversi markji, fosthom il-markju "ADIDAS", il-markju "adidas" u l-markju figurattiv maghruf "trefoil device" liema markji huma wzati mis-socjeta' rikorrenti fuq diversi prodotti manifatturati minnha bhal zraben, sandlijiet, abbiljamenti tal-hwejjeg sportivi, brieret, accessorji elettronici u prodotti ohra, u dan skont kif jidher fuq id-Dokumenti "A", "B" u "C";*

*2. Illi s-socjeta' rikorrenti hija detentrici tad-dritt ta' proprjeta' industrijali ghar-rigward tal-istess markju "ADIDAS", "adidas" u l-markju figurattiv maghruf bhala "trefoil device" skont il-provvedimenti tal-Kap 414 tal-Ligijiet ta' Malta (Att Dwar Drittijiet Dwar Propjeta'*

*Intelletwali (Mizuri Intrakonfini), kif ukoll skont il-provvedimenti tar-Regolament U.E. 608/2013 concerning customs enforcement of intellectual property rights and repealing Council Regulation (EC) No 1383/2003 u dan ukoll minhabba l-fatt illi s-socjeta' rikorrenti irregistrat l-imsemmija markji "ADIDAS", "adidas" u l-markju figurattiv maghruf bhala "trefoil device" bhala European Union Trade Marks (EU Trade Marks) mal-"European Union Intellectual Property Office" tal-Unjoni Ewropea (ibbazat f'Alicante, Spanja) taht Numru 014591754 (kif muri f'Dok. "A"), Numru 012271961 (kif muri f'Dok. "B") u Numru 012272035 (kif muri f'Dok. "C") kif ukoll minhabba l-fatt illi s-socjeta' rikorrenti tgawdi d-drittijiet tal-awtur fuq l-istess markju figurattiv taghha "trefoil device" kif muri fl-imsemmija EU Trade Mark numru 012272035 (ara Dok. "C");*

*3. Illi jirrizulta illi fil-11 ta' Mejju 2023 iddahhlet gewwa Malta fuq il-vapur "NAVIOS", u/jew giet importata temporanjament u/jew tqieghdet gewwa zona hielsa jew mahzen hieles, konsenja ta' accessorji tal-mowbajl (mobile phone covers) li jgibu fuqhom il-markji "ADIDAS", "adidas" u "trefoil device" fuq imsemmija liema konsenja tikkonsisti f'hamest elef (5,000) bicca f'Container Numru DRYU4510601 u li ma humiex genwini, u dan bi ksur tal-provvedimenti tal-Kap 414 tal-Ligijiet ta'Malta (Att dwar Drittijiet Dwar Proprjeta' Intellettwali (Mizuri Intrakonfini)) u bi ksur tal-provvedimenti tar-Regolament U.E. 2017/1001 on the European Union trade mark, kif inhu ben spjegat hawn taht;*

*4. Illi mill-Polza ta' Kargu Numru GGZ1880527 (kopja hawn annessa u mmarkata bhala Dok. "H") jirrizulta li d-dettalji tax-Shipper ghal merkanzija in kwestjoni huma ndikati bhala "Numidia of World Limited, RM 2914 29/F Ho King Commercial Center 2-16 FA Yuen Street Mongkok KL Hong Kong", filwaqt li l-konsenjatarju huwa ndikat bhala "EURL Contacts Nasim El Jana Import Export, Cite Auto Construction 150 Log TS Berhoum Msila Algeria";*

*5. Illi d-dhul gewwa Malta, u/jew l-esportazzjoni u/jew ir-ri-esportazzjoni ghal-cirkolazzjoni hielsa, u/jew importazzjoni temporanja u/jew tqeghid gewwa zona hielsa jew mahzen hieles ta' oggetti li jikkontravvjenu dritt dwar il-propjeta' intellettwali huwa projbit skont l-Artikolu 4 tal-Kap. 414 tal-Ligijiet ta' Malta;*

*6. Illi d-dhul minghajr rilaxx ghal cirkolazzjoni libera f'Malta, fil-kors ta' kummerc, fejn l-oggetti (inkluz l-imballagg taghhom) in kwestjoni joriginaw minn pajjizi terzi u jkollhom markji minghajr awtorizzazzjoni li jkunu identici ghal EU Trade Marks irregistrati fir- rigward ta' dawk l-oggetti, jew li ma jkunux jistghu jingharfu fl-aspetti essenzjali taghhom minn dawk il-markji huwa projbit skond l-Artikolu 9 tar-Regolament U.E. 2017/1001;*

*7. Illi dawn l-accessorji tal-mowbajl in kwistjoni jikkontravvjenu d-drittijiet ta' propjeta' intellettwali tas-socjeta' rikorrenti skont l-Artikolu 2(1)(a) u (b) tal-Kap 414 tal-Ligijiet ta' Malta, kif ukoll jikkontravvjenu d-drittijiet esklussivi taghha skont il-provvedimenti tal-Artikolu 9(1)(2)(3) u (4) tar- Regolament U.E. 2017/1001 u dan ukoll kif ben spjegat mill-analizi li ghamlu rapprezentanti tas-socjeta' adidas International Marketing B.V. ghas-socjeta' rikorrenti (ara rapport tal-analizi mmarkat bhala Dok. "D");*

*8. Illi din il-konsenja ta' accessorji tal-mowbajl bhalissa tinsab mizmuma mill-Kontrollur tad-Dwana taht il-provvedimenti tal-Kap. 414 tal-Ligijiet ta' Malta u taht il-provvedimenti tar-Regolament U.E. 608/2013 wara l-applikazzjoni bil-miktub li ghamlet is-socjeta' rikorrenti lill-istess Kontrollur wara li giet ipprovduta lilu l-informazzjoni kollha pertinenti sabiex ikun jista' jiddeciedi dwar dan il-kaz (ara kopja tal-applikazzjoni mmarkata bhala Dok. "E");*

*9. Illi huwa principju ben stabbilit fit-Trattat tal-Komunita' Ewropea u fil-kazistika tal-"Court of Justice of the European Union" illi r-Regolamenti mahruga mill-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea ghandhom effett dirett gewwa l-pajjizi Membri tal-Unjoni Ewropea u ghaldaqstant il-provvedimenti legali tar- Regolament Regolament U.E. 2017/1001 u tar-Regolament U.E. 608/2013 ghandhom jigu nvokati direttament mill-Qrati Maltin fil-kwistjonijiet u l-kawzi li jkunu qed jigu trattati quddiemhom;*

*10. Illi l-Artikolu 79 tal-Legislazzjoni Sussidjarja Numru 597.04 jistipula illi l-Qrati Maltin li jistghu jittrattaw dwar EU Trade Marks huma l-Prim'Awla tal-Qorti Civili u l-Qorti tal-Appell;*

*11. Illi l-Avukat Dr. Antoine Camilleri noe jiddikjara illi l-fatti suesposti jafhom in parti personalment u in parti minn informazzjoni li nghatatlu mill-Kontrollur tad-Dwana u mill-mandanti tieghu;*

**Rat** id-dokumenti ppreżentati mar-rikors promotur (DOK A sa DOK H).

**Rat** id-Digriet tas-26 ta' Ottubru 2023 li permezz tiegħu l-Av. Simon Micallef Stafrace u l-PL Marie Claire Bartolo ġew nominati kuraturi deputati bħala kuraturi deputati għas-soċjetajiet esteri ntimati.

**Rat** id-digriet tagħha tas-26 ta' Ottubru 2023 u li permezz tiegħu l-kawża ġiet appuntata għas-27 ta' Novembru 2023 fid-9:30 a.m.

**Rat** ir-**risposta ġuramentata** tal-**kuraturi deputati** intavolata fl-24 ta' Novembru 2023 (fol 114) li permezz tagħha eċċepew:

*Illi l-esponenti m'humiex edotti mill-fatti u ghalhekk qeghdin jirriservaw id-dritt li jippresentaw risposta motivata f'kaz u jekk jigu edotti mill-fatti.*

*Salv risposta ulterjuri.*

**Rat** in-nota tar-rikorrent noe ntavolata fl-24 ta' Novembru 2023 (fol 114) li permezz tagħha ppreżenta affidavit (DOK RM 1) tal-**Ispettur tad-Dwana Randolph Mizzi** (fol115 sa fol 116).

**Rat** illi fl-udjenza tas-17 ta' Gunju 2024, ir-rikorrenti noe iddikjara li bid-dokumentazzjoni diġa' ppreżentata huwa kien qed jagħlaq il-provi tiegħu.

**Rat** illi fl-udjenza tal-10 ta' Lulju 2024, il-kuraturi deputati msejħin tlett darbiet ma dehrux u in vista ta' dak li kien ġie dikjarat fis-seduta preċedenti, il-Qorti ddikjarat provi tal-partijiet magħluqa u ħalliet il-kawża għas-sentenza għal-lum.

**Ikkunsidrat:**

Illi mill-provi prodotti, jirriżultaw is-segwenti **fatti**:

Illi jirriżulta illi dan huwa proċediment li ttieħed mill-attur noe ai termini tal-Artikoli **2(1)(a) u/jew (b) tal-Kap 414 tal-Liġijiet ta' Malta u/jew l-Artikolu 2(5) u/jew (6) tar-Regolament U.E. 608/2013.**

Permezz tar-rikors ġuramentat tiegħu l-attur noe jiddikjara illi l-fatti jafhom in parti personalment u in parti minn informazzjoni li ngħatatlu mill-Kontrollur tad-Dwana u mill-mandanti tiegħu, u jispjega illi s-soċjeta' rikorrenti adidas AG, ta' hija proprjetarja ta' diversi markji, fosthom il-markju "ADIDAS", il-markju "adidas" u l-markju figurattiv magħruf "trefoil device" liema markji huma wżati mis-soċjeta' rikorrenti fuq diversi prodotti manifatturati minnha bħal żraben, sandlijiet, abbiljamenti tal-ħwejjeg sportivi, brieret, aċċessorji elettroniċi u prodotti oħra, tant illi hija detentriċi tad-dritt ta' proprjeta' industrijali għar-rigward tal-istess markju "ADIDAS", "adidas" u l-markju figurattiv magħruf bħala "trefoil device" skont il-provvedimenti tal-Kap 414 tal-Liġijiet ta' Malta, kif ukoll skont il-provvedimenti tar-Regolament U.E. 608/2013 u dan ukoll minħabba l-fatt illi s-soċjeta' rikorrenti rreġistrat l-imsemmija markji "ADIDAS", "adidas" u l-markju figurattiv magħruf bħala "trefoil device" bhala European Union Trade Marks (EU Trade Marks) mal-"European Union Intellectual Property Office" tal-Unjoni Ewropea taħt Numru 014591754, kif ukoll minħabba l-fatt illi s-soċjeta' rikorrenti tgawdi d-drittijiet tal-awtur fuq l-istess markju figurattiv tagħha "trefoil device" kif muri fl-imsemmija EU Trade Mark numru 012272035.

Jispjega illi fil-11 ta' Mejju 2023 iddaħħlet ġewwa Malta fuq il-vapur "NAVIOS", u/jew ġiet importata temporanjament u/jew tqiegħdet ġewwa żona ħielsa jew maħżen ħieles, konsenja ta' aċċessorji tal-mowbajl (mobile phone covers) li jġibu fuqhom il-markji "ADIDAS", "adidas" u "trefoil device" fuq imsemmija liema konsenja tikkonsisti f'ħamest elef (5,000) biċċa f'Container Numru DRYU4510601 u li ma humiex ġenwini, u dan bi ksur tal-provvedimenti tal-Kap 414 tal-Liġijiet ta' Malta u bi ksur tal-provvedimenti tar-Regolament U.E. 2017/1001 on the European Union trade mark.

Jsostni illi mill-Polza ta' Kargu Numru GGZ1880527 jirriżulta li d-dettalji tax-Shipper għal merkanzija in kwestjoni huma ndikati bħala "Numidia of World Limited", filwaqt li l-konsenjatarju huwa ndikat bħala "EURL Contacts Nasim El Jana Import Export". Jgħid illi d-dħul ġewwa Malta, u/jew l-esportazzjoni u/jew ir-ri-esportazzjoni għal-ċirkolazzjoni ħielsa, u/jew importazzjoni temporanja u/jew tqegħid ġewwa żona ħielsa jew maħżen ħieles ta' oġġetti li jikkontravvjenu dritt dwar il-propjeta' intellettwali huwa projbit skont l-Artikolu 4 tal-Kap. 414 tal-Liġijiet ta' Malta u għalhekk isostni illi d-dħul mingħajr rilaxx għal ċirkolazzjoni libera f'Malta, fil-kors ta' kummerċ, fejn l-oġġetti (inkluż l-imballaġġ tagħhom) in kwestjoni joriġinaw minn pajjiżi terzi u jkollhom markji mingħajr awtorizzazzjoni li jkunu identiċi għal EU Trade Marks irreġistrati fir-rigward ta' dawk l-oġġetti, jew li ma jkunux jistgħu jingħarfu fl-aspetti essenzjali tagħhom minn dawk il-markji huwa projbit skond l-Artikolu 9 tar-Regolament U.E. 2017/1001.

Ir-rikorrenti noe jsostni illi dawn l-aċċessorji tal-mowbajl in kwistjoni jikkontravvjenu d-drittijiet ta' propjeta' intellettwali tas-soċjeta' rikorrenti skont l-Artikolu 2(1)(a) u (b) tal-Kap 414 tal-Liġijiet ta' Malta, kif ukoll jikkontravvjenu

d-drittijiet esklussivi tagħha skont il-provvedimenti tal-Artikolu 9(1)(2)(3) u (4) tar- Regolament U.E. 2017/1001 u dan ukoll kif ben spjegat mill-analiżi li għamlu rappreżentanti tas-soċjeta' adidas International Marketing B.V. għas-soċjeta' rikorrenti. Għalhekk jgħid illi din il-konsenja ta' aċċessorji tal-mowbajl bħalissa tinsab miżmuma mill-Kontrollur tad-Dwana taħt il-provvedimenti tal-Kap. 414 tal-Liġijiet ta' Malta u taħt il-provvedimenti tar-Regolament U.E. 608/2013 wara l-applikazzjoni bil-miktub li għamlet is-soċjeta' rikorrenti lill-istess Kontrollur wara li ġiet ipprovduta lilu l-informazzjoni kollha pertinenti sabiex ikun jista' jiddeċiedi dwar dan il-każ.

In sostenn tal-fatti dikjarati minnhu, ir-rikorrenti noeppreżenta lill-Qorti d-dokumenti relattivi mar-rikors promotur, li l-Qorti ħadet konjizzjoni tagħhom:

- Dok. "A": Estratt informali maħruġ mir-reġistru elettroniku tal-'European Union Intellectual Property Office' tal-Unjoni Ewropea ghal-EU *Trade Mark* Numru 014591754.

- Dok. "B": Estratt informali maħruġ mir-reġistru elettroniku tal-'European Union Intellectual Property Office' tal-Unjoni Ewropea għal-EU *Trade Mark* Numru 012271961.

- Dok. "C": Estratt informali maħruġ mir-reġistru elettroniku tal-'European Union Intellectual Property Office' tal-Unjoni Ewropea għal-EU *Trade Mark* Numru 012272035.

- Dok. "D": Rapport tal-analiżi maħruġ minn Sarah Talbot u Aline Olie bħala rappreżentanti tas-soċjeta' estera adidas International Marketing B.V., għas-soċjeta' rikorrenti.

- Dok. "E": Kopja tal-applikazzjoni bil-miktub tas-soċjeta' rikorrenti lill-Kontrollur tad-Dwana sabiex il-konsenja in kwistjoni setgħet tiġi maqbuda mill-istess Kontrollur skond it-termini tal-KAP. 414 tal-Liġijiet ta' Malta u tar-Regolament U.E. 608/2013.

- Dok. "F": Kopja ta' prokura speċjali maħruga mis-soċjeta' rikorrenti adidas AG favur membri tal-uffiċju legali MAMO TCV Advocates, u fosthom ir-rikorrenti nomine, biex jinħatru prokuraturi speċjali.

- Dok. "G": Kopja ta' ċertifikat tar-reġistrazzjoni tas-soċjeta' estera rikorrenti adidas AG.

- Dok. "H": Kopja tal-Polza ta' Kargu Numru GGZ1880527.

Fl-affidavit tiegħu, **Randolph Mizzi – impjegat mad-Dwana ta' Malta bħala fizzjal fis-sessjoni tal-infurzar** jgħid li l-kontejner bin-numru DRYU4510601 inħatt fil-port ħieles ta' Marsaxlokk minn fuq il-vapur Navios  fil-11 ta' Mejju 2023 u ġie magħżul għal kontroll fiżiku tal-kontenut tiegħu. Jgħid li skont il-polza tat-tagħbija li ġġib in-numru GGZ1880527 tal-vjaġġ numru 0MEEPW1MA l-oriġini tal-kontejner kien Hong Kong ġewwa ċ-Ċina u kien destinat għal Algeria. Jispjega li bħala kontenut kien iddikjarat li fih 1016 kaxxa 'accessories and spare parts for mobile phones'. Jgħid li l-kontejner ġie mibgħut minn Numidia of World Limited ġewwa Hong Kong u l-kunsinnatarju u kien indikat bħala EURL COntacts NAsim El Jana Import Export.

Jispjega li l-kontejner infetaħ fit-18 ta' Mejju 2023 fil-preżenza t'uffiċjali oħra tad-Dwana u nstab li fil-kaxxi kien hemm diversi prodotti b'markji li huma sorveljati mid-Dwana għall-protezzjoni rigward drittijiet ta' propjetà` intellettwali u l-oġġetti għalihom dehru suspettużi li kienu falsifikati.

Jgħid li fis-16 ta' Gunju 2023 waqt li l-kontejner kien qed jinħatt f'wieħed mill-imħażen tad-dwana instabu elfejn (10) kaxxi b'total ta' ħamest elef (5,000) biċċa  Mobile Phone Accessories b'markji bħal dawk reġistrati f'isem Adidas A.G. Jispjega li fit-19 ta' Gunju 2023, ir-rikorrent noe ġie nfurmat bis-sejba tal-ħwejjeġ u minn eżamijiet li saru fuq il-kampjuni elevati rriżulta li l-oġġetti kienu falsifikati, u fit-18 ta' Lulju l-istess rikorrent noe ippreżenta kawża appożita fil-Qrati Ċivili ta' Malta.

Jikkonferma li l-imsemmija kunsinna għadha miżmuma mid-Dwana u ġiet irreġistrata bin-numru 55.23.095. Jelenka spejjeż involuti f'dan il-każ partikolari.

### Ikkunsidrat ulterjorment:

Il-Qorti rat il-provi u d-dokumentazzjoni kollha prodotti u peress li l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet attriċi jidhru li ġew kollha kkonfermati permezz tad-dokumenti esebiti mar-rikors ġuramentat u atti oħra preżentati fl-atti tal-kawża li jinkludi l-affidavit tal-uffiċjal tad-dwana Randolph Mizzi datat 23 ta' Novembru 2023 (Dok. RM1 fol. 116) li kkonferma li l-istess oġġetti hawn indikati għadhom qed jinżammu fl-imħazen tad-dwana, u tar-rapport ta' Sarah Talbot u Aline Olie li kkonfermat li mill-eżamijiet li saru fuq l-istess merkanzija mertu tal-kawża odjerna kienet fil-fatt kontrafatta, għalhekk it-talbiet attriċi għandhom jiġu milqugħa kif gej.

Illi l-ispejjeż kollha nklużi sabiex issir id-distruzzjoni tal-istess oġġetti hija elenkata fl-affidavit tal-uffiċjal tad-dwana (fol. 116).

**GĦALDAQSTANT**, għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi, billi filwaqt illi tiċħad kull eċċezzjoni mressqa, tgħaddi sabiex tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti noe fis-sens illi:

1. **Tiddikjara u tiddeċiedi** illi l-aċċessorji tal-mowbajl in kwistjoni li jinsabu maqbuda wara l-applikazzjoni bil-miktub li għamlet is-soċjeta' rikorrenti lil Kontrollur tad-Dwana, huma oġġetti falsifikati u/jew oġġetti mdaħħla b'piraterija skont l-Artikolu 2(1)(a) u/jew (b) tal-Kap. 414 tal-Liġijiet ta' Malta u/jew skont l-Artikolu 2(5) u/jew (6) tar-Regolament U.E. 608/2013.

2. **Tiddikjara u tiddeċiedi** illi d-dħul ġewwa Malta u/jew l-importazzjoni temporanja u/jew tqegħid ġewwa żona ħielsa jew maħżen ħieles ta' din l-msemmija konsenja ta' aċċessorji tal-mowbajl, liema konsenja tikkonsisti f'ħamest elef (5,000) biċċa f'Container Numru DRYU4510601, da parti tal-intimati jew min minnhom, u li jinsabu maqbuda wara l-applikazzjoni bil-miktub li għamlet is-soċjeta' rikorrenti lill-Kontrollur tad-Dwana, jikkontravvjenu d-dritt ta' proprjeta' intellettwali tas-soċjeta' rikorrenti in kwantu li ma humiex ġenwini skont l-Artikolu 2(1)(a) u/jew (b) tal-Kap. 414 tal-Liġijiet ta' Malta u għaldaqstant vjolazzjoni tal-Artikolu 4 tal-istess Kap. 414, u dan fil-konfront tar-reġistrazzjoniji tal-EU Trade Marks Numru 014591754, Numru 012271961 u Numru 012272035 irreġistrati f'isem is-soċjeta' rikorrenti u/jew fil-konfront tad-drittijiet tal-awtur illi għandha s-soċjeta' rikorrenti fuq id-disinn tagħha "trefoil device" (kif muri fl-imsemmija EU Trade Mark numru 012272035).

3. **Tordna** lill-Kontrollur tad-Dwana u/jew lis-soċjeta' rikorrenti a bażi tal-ewwel talba u/jew tat-tieni talba u/jew tat-tielet talba sabiex jiddistruggu l-aċċessorji tal-mowbajl in kwistjoni mingħajr ebda kumpens lil, u għas-spejjeż tal-intimati jew min minnhom, skont l-Artikolu 8 tal-Kap. 414 tal-Liġijiet ta' Malta u skond il-provvedimenti tar-Regolament U.E. 608/2013.

4. **Tordna** lill-konvenuti jħallsu l-ispejjeż kollha, inklużi tat-trasport, tal-ħażna, tad-distruzzjoni tal-oġġetti in kwistjoni, u tal-ispejjeż tal-Uffiċjali tad-Dwana skont it-termini tal-Kap. 414 u tar-regolament EU 608/2013, u dan kif jirriżulta mill-affidavit tar-rappreżentant tal-Kontrollur tad-Dwana (fol. 116).

5. **Tastjeni** milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tal-ħames talba attriċi.

**Bl-ispejjeż kontra l-konvenuti b'dan li l-kuraturi deputati jitħallsu skont il-liġi.**

**Ian Spiteri Bailey**
**Onor. Imħallef**

**Amanda Cassar**
**Deputat Reġistratur**